# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' April, 2025.**

**Numru 11**

**Rikors numru 949/19/1 AF**

**Unique Turnkey Limited (C-37841)**

**v.**

**Express Logigroup Limited (C-58205)**

Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà attriċi minn deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fejn laqgħet talba tas-soċjetà konvenuta sabiex tippreżenta risposta ġuramentata wara li qieset illi s-soċjetà konvenuta ġġustifikat il-kontumaċja tagħha.

**Preliminari**

1. Permezz ta' <u>rikors ġuramentat</u> ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti) fit-<u>8 ta' Ottubru, 2019</u>, is-soċjetà attriċi

spjegat li s-soċjetà konvenuta hija kreditriċi fil-konfront tagħha fis-somma ta' €43,123.15 import ta' prezz ta' xogħlijiet eżegwiti minnha fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta u kif ukoll ta' provvista ta' materjal meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-istess xogħlijiet u dan f'uffiċini fi stadju ta' kostruzzjoni fil-Pietà. Is-soċjetà konvenuta naqset milli tħallas l-imsemmi bilanċ *nonostante* li x-xogħlijiet ġew eżegwiti u l-provvisti ġew fornuti u *nonostante* li s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas lis-soċjetà konvenuta kemm verbalment kif ukoll bil-miktub.

2. Is-soċjetà attriċi mbagħad għaddiet sabiex ressqet dawn it-talbiet quddiem l-Ewwel Qorti:

> "1. Tikkundanna u tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas somma bilanċjali ta' tlieta u erbghin elf, mija tlieta u ghoxrin Euro, hmistax Euro ċenteżmi [43,123.15] import bilanċjali ta' prezz ghal xoghlijiet ezegweiti mis-socjeta rikorrenti esponenti fuq inkarigu tas-socjeta intimata u kif ukoll ta' provvista ta' materjal mehtieg ghall-ezekuzzjoni ta' l-istess xoghlijiet u dan f'ufficini f'sit ta' kostruzzjoni fil-Pieta; u
>
> 2. Tikkundanna u tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas l-imghaxijiet legali fuq l-import bilanċjali dovut u mid-data meta l-import bilanċjali u l-hlas tieghu sar dovut sad-data tal-effettiv pagament mis-socjeta intimata
>
> Bl-ispejjez inkluż dawk tar-rikors ghall-ispedizzjoni tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat kontra is-socjeta intimata li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni."

3. Fis-6 ta' Novembru, 2020 Jonathan Vella għan-nom tas-soċjetà konvenuta ressaq rikors bis-segwenti spjegazzjoni u talba:

"Illi mill-atti proċesswali ghandu jirrizulta li s-socjeta konvenuta ma ġietx notifikata fl-indirizz uffiċċjali taghha li huwa numru 4 Airways House, Tower Road, Sliema;

Illi dan l-indirizz huwa dak tal-konsulenti legali tieghu cioe ta' Dr George Said u ta' Dr Stanley Portelli;

Illi s-socjeta konvenuta ma ghadhiex tinqeda bis-servizz ta' dawn l-avukati u ghalhekk kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom fuq din il-kawza;

Illi meta l-esponent sar jaf b'dawn il-proceduri, huwa avvicina lill-avukat sottoffirmat biex jiehu hsieb jikkomunika ma' Dr Pio Valletta halli jaghmel tentattiv biex il-partijiet jaslu ghal ċifra korretta stante li l-esponent nomine kien qed jikkontesta l-bilanc pretiz;

Illi in segwitu ta' skambju ta korrispondenza bejn l-avukati rispettivi, rriżulta li l-partijiet baqghu mhux qed jaqblu fuq il-bilanc realment dovut u ghalhekk jehtieg li din il-kontestazzjoni tiġi issa formalizzata;

Illi kien minnhabba s-suespost li l-esponent nomine ma kienx ippreżenta r-risposta ġuramentata tieghu hekk kif sar jaf b'dan il-proceduri il-ghaliex kien fiducjuz li ser jasal ghal ftehim dwar il-bilanc tassew veritjier;

Ghaldaqstant l-esponent nomine jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa takkolji l-gustifikazzjoni ghal kontumaċja u konsegwentement tawtorizzah jippreżenta formalment ir-risposta ġuramentata tieghu, l-abbozz ta liema qed tiġi hawn annessa u markata Dok X."

4. B'risposta tat-8 ta' Jannar, 2021 is-soċjetà attriċi oġġezzjonat u saħqet li r-raġuni mogħtija għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhijiex tajba.

5. B'deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' April, 2021 l-Ewwel Qorti ikkonkludiet hekk:

"Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta;

> Peress illi ma jidhirx li huwa kontestat illi l-partijiet kienu qed jiddiskutu l-pendenzi bejniethom wara n-notifika tal-kawza, din il-Qorti ma ssibx li n-nuqqas tal-prezentata sar b'disprezz lejn din il-Qorti u ghalhekk tammetti r-risposta kif miktub.
>
> L-ispejjez ta dan l-incident jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali."

6. Is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni u fid-19 ta' April, 2019 ressqet rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn talbet "*sabiex ghat-tenur ta'dak provdut fl-imsemmi f'sub-artikolu (1) tal-Artikolu 231 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, joghogobha tikkoncedilha l-permess sabiex hija tkun tista' tinterponi l-appell taghha mill-imsemmija deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' April, 2021 ghal quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell qabel l-ahhar sentenza.*"

7. Fis-27 ta' April, 2021 is-soċjetà konvenuta ressqet ir-risposta tagħha b'oppożizzjoni fejn sostniet li d-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' April, 2021 ma taqax fil-parametri tal-Artikolu 231 (1) tal-Kapitolu 12.

8. Peress li r-rikors tad-19 ta' April, 2019 kien għadu mhux dekretat, fit-3 ta' Mejju, 2021 is-soċjetà attriċi (minn issa wkoll is-soċjetà appellanti) ippreżentat rikors tal-appell li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm minnha miġjuba, talbet lil din il-Qorti "*thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tat-13 ta' April, 2021 in kwantu dina ddeċidiet li l-kontumacja tas-socjeta intimata appellata kienet ġustifikata u ammettiet*

*ir-risposta tal-istess socjeta intimata appellata u dan bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jiġu sopportati mis-socjeta intimata appellata*."

9. Eventwalment, b'digriet tat-22 ta' Ġunju, 2021 l-Ewwel Qorti tat permess sabiex jitressaq appell kif mitlub mis-soċjetà attriċi.

10. Is-soċjetà konvenuta (minn issa wkoll is-soċjetà appellata), notifikata permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni, ma ressqet ebda risposta għall-appell. L-appell ġie appuntat għas-smigħ.

11. Din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Frar, 2025, u ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

**L-Appell**

12. Is-soċjetà appellanti tilmenta illi l-Ewwel Qorti naqset meta ma ddikjaratx ir-rikors tas-soċjetà konvenuta tas-6 ta' Novembru, 2021 irritu u null. Tissottometti l-appellanti illi ma hux proċeduralment permess lill-konvenut li jkun baqa' kontumaċi, jannetti mar-rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja l-abbozz ta' risposta ġuramentata u jitlob lill-Qorti tawtorizzah sabiex formalment jippreżentaha. Tinsisti għalhekk l-appellanti li l-Ewwel Qorti messha ddikjarat dak ir-rikors irritu u null.

13. Tissottometti, bla preġudizzju, illi fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti messha ordnat l-isfilz ta’ dak id-dokument.

14. Bla preġudizzju u subordinat għall-aggravji aktar qabel imsemmija, tgħid illi ma kienx hemm raġuni tajba sabiex l-Ewwel Qorti tikkunsidra ġustifikata l-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta. Issemmi kif in-notifika lis-soċjetà konvenuta inizjalment saret fl-uffiċċju reġistrat tagħha f’Level 4, Airways House, Tower Road, Sliema a tenur tal-Artikolu 187 (4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta’ Malta skont ma jirriżulta minn dokument tal-Malta Business Registry anness mar-risposta tas-soċjetà attriċi b’oppożizzjoni għar-rikors tal-konvenuta. Tgħid li sussegwentement in-notifika saret fl-indirizz postali tal-persuna li għandha r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà konvenuta skont kif jipprovdi Artikolu 181A (2) tal-Kap. 12, skont ma wkoll jirriżulta minn dokument tal-Malta Business Registry ukoll anness mal-imsemmija risposta.

15. Tkompli tgħid illi ma jista’ qatt ikun ġustifikabbli li s-soċjetà konvenuta ma tippreżentax risposta ġuramentata meta hi stess tammetti li kienet taf bil-kawża “iżda kienet fiduċjuża li ser tasal għal ftehim bonarju”.

16. Tinsisti illi b’applikazzjoni tal-ġurisprudenza *in materia*, irriżulta ċar li l-kumpanija konvenuta kienet taf bl-eżistenza tal-kawża tant li tammettih

fir-rikors tagħha u filwaqt li ma kellha l-ebda impediment leġittimu li jżommha milli tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha fil-ħin, "naqset volontarjament u negliġentement, kawża ta' żball u nuqqas li kien wieħed vinċibbli, milli tippreżenta risposta ġuramentata meta kienet fil-ħin li tagħmel dan, kif hija stess tammetti fir-rikors tagħha".

17. Iżżid tgħid illi b'sostenn tat-talba tagħha għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja s-soċjetà konvenuta ma ġabet ebda prova li kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar il-pendenzi ta' bejniethom. Issemmi illi kieku tressqu dawk il-provi kien jirriżulta li dawk id-diskussjonijiet intemmu mingħajr ftehim "qabel in-notifika finali ta-soċjetà intimata appellata". Tkompli tgħid li "Dan kollu jirriżulta minn emails skambjati bejn il-konsulenti legali rispettivi tal-partijiet u li s-soċjetà rikorrenti esponenti appellanti ma pproducitiex għad li kien skambju ta' emails magħmula mingħajr preġudizzju".

18. Tikkonkludi l-appell tagħha billi ssostni li fi kwalunkwe każ, diskussjonijiet dwar pendenzi ma jistgħu qatt jikkostitwixxu ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u li fid-dawl tal-prinċipji applikabbli jirriżulta li l-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta kienet waħda volontarja u possibbilment kolpuża; ma kien hemm ebda kawża ġusta jew impediment leġittimu indipendenti mill-volontà tal-konvenuta għaliex diskussjonijiet magħmula mingħajr preġudizzju u mingħajr ebda garanzija li l-partijiet ser jaslu ma

jikkostitwixxux kawża ġusta jew impediment leġittimu indipendenti mill-volontà kontumaċi;  ma kienx hemm żball invinċibbli imma atteġjament kolpuż;  u li ma kien hemm ebda diffikultà gravi fiżika jew morali li impediet lis-soċjetà konvenuta milli tippreżenta r-risposta tagħha fiż-żmien.

Ikkunsidrat;

19. Il-motivazzjoni fid-deċiżjoni appellata tal-Ewwel Qorti hija waħda u ċjoè li l-partijiet "kienu qed jiddiskutu l-pendenzi bejniethom wara n-notifika tal-kawża" u li ma sabitx li "n-nuqqas tal-preżentata sar b'disprezz" lejn il-Qorti.

20. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-fatti kif rakkontati mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha ma jaqblux mal-fatti kif jirriżultaw mill-atti.

21. F'paragrafu 3.1 tar-rikors tal-appell jingħad illi "inizjalment in-notifika tas-soċjetà intimata appellanti (recte. appellata) saret fl-uffiċċju reġistrat tagħha f'level 4, Airways House, Tower Road, Sliema".  L-atti juru li dan mhux minnu.  Skont ir-riferti li jinsabu *a tergo* ta' fol. 10 jirriżulta illi ma sar l-ebda tentattiv ta' notifika fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija konvenuta ġewwa tas-Sliema.  Saru b'kollox ħames (5) tentattivi, kollha rriżultaw negativi.  L-ewwel tentattiv sar fis-7 ta' Novembru, 2019 fl-

indirizz "3, Pjazza Kappillan Muscat, il-Hamrun"; u erba' tentattivi oħra, fil-31 ta' Ottubru, 2019, fis-7 ta' Novembru, 2019, fit-18 ta' Novembru, 2019, fid-29 ta' Novembru, 2019 u fl-20 ta' Diċembru, 2019, fl-indirizz "4, Romantika, G Borg Street, Birkirkara". Fis-seduta quddiem l-Ewwel Qorti tat-8 ta' Jannar, 2020, deher l-avukat tas-soċjetà attriċi, ta ruħu b'notifikat bl-appuntament tas-smigħ tal-kawża għan-nom tal-patroċinata tiegħu, u talab sabiex il-Qorti tawtorizza lis-soċjetà attriċi tinnotifika lis-soċjetà konvenuta bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, talba li ġiet akkordata mill-Ewwel Qorti.

22. Fit-22 ta' Jannar, 2020 saru l-affissjonijiet fl-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u mal-fond numru 4, Romatika, G Borg Street, Birkirkara.[1] L-ebda affissjoni ma saret mal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà konvenuta.

23. L-affissjonijiet ġew segwiti bil-pubblikazzjoni fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Marzu, 2020[2], fejn jingħad, *inter alia*, "Notifika s-soċjetà intimata: 3.Pjazza Kapillan Muscat, il-Hamrun; 4, Romantika, Triq G. Borg, Birkirkara". Għal darb'oħra l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà konvenuta ma jissemmiex. Finalment saret il-pubblikazzjoni tal-

[1] *A tergo* ta' fol. 14
[2] Fol. 35

avviż relattiv fil-ħarġa tal-gazzetta The Malta Independent tal-11 ta' Awwissu, 2020.[3]

24. Huwa evidenti mill-atti li meta l-Ewwel Qorti awtorizzat in-notifika lis-soċjetà konvenuta bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, kienet bl-impressjoni illi l-ħames tentattivi ta' notifika, ilkoll b'riżultat negattiv, li saru bejn Ottubru u Diċembru tas-sena 2019 kienu qed jiġu ndirizzati fl-indirizz reġistrat tas-soċjetà konvenuta. Kemm din kienet l-impressjoni żbaljata tal-Ewwel Qorti joħroġ ukoll minn dak li s-soċjetà attriċi stess allegat fir-risposta tagħha b'oppożizzjoni għar-rikors tas-soċjetà konvenuta għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja meta f'paragrafu 3.1 ta'dik ir-risposta ddikjarat teswalment "3.1 illi inizjalment in-notifika tas-soċjetà intimata saret fl-uffiċċju reġistrat tagħha f'level 4, Airways House, Tower Road, Sliema għat-tenur ta' dak provdut f'sub-artikolu 4 tal-Artikolu 187 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta u dan kif jirriżulta minn estratt skarikat mill-website tal-Malta Business Registry ....."

25. L-atti juru mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-ebda tentativ qatt ma sar sabiex l-att promotur u l-avviż tas-smigħ jiġu notifikati fl-indirizz reġistrat tal-kumpanija konvenuta.

[3] Fol. 32

26. Huwa minnu li **Artikolu 187 (4) tal-Kap. 12** jipprovdi illi fil-każ ta' notifika ta' atti ġudizzjarji lill-korp li jkollu personalità distinta, n-notifika lil dak il-korp għandha ssir billi titħalla kopja tal-iskrittura fl-uffiċċju reġistrat, jew inkella f'idejn il-persuna li jkollha r-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew inkella f'idejn is-segretarju jew f'idejn persuna oħra hekk awtorizzata.

27. Imma l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi wkoll illi f'każ li t-tentattivi msemmija fil-paragrafu preċedenti ma jagħtux riżultat pożittiv, il-Qorti tista' tordna li:

> "… n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-iskrittura **fil-post fil-belt jew fid-distrett** fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, **fejn dak il-korp ikollu l-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew il-post tan-negozju tiegħu**, u billi dik l-iskrittura tinħareġ fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew aktar minn wieħed skont kif il-qorti tista' tiddeċiedi u, meta possibbli, **billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb tal-uffiċċju reġistrat, uffiċċju prinċipali, jew post tan-negozju**. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex tgħarraf b'dik l-iskrittura lil xi ħadd mill-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2)". **(Art. 187 (5), Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili)**.

28. In-nuqqas tas-soċjetà attriċi f'dan ir-rigward ikompli jippronunzja ruħu aktar meta jitqies illi sa mill-bidunett tal-kawża ma kellha l-ebda intenzjoni li tinnotifika lis-soċjetà konvenuta fl-uffiċċju reġistrat tagħha ġewwa tas-Sliema tant li fir-rikors ġuramentat promotur tagħti l-indirizz ta' notifika tas-soċjetà konvenuta bħala: "3, Pjazza Kapillan Muscat, HAMRUN".

29. Huwa għalhekk inspjegabbli għal din il-Qorti kif is-soċjetà attriċi appellanti sew quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll fir-rikors tal-appell tagħha tibqa' tgħid li hija għamlet tentattivi ta' notifika fl-indirizz reġistrat tas-soċjetà konvenuta. Il-provi mressqa mill-istess soċjetà attriċi juru li dan mhux minnu.

30. Din l-allegazzjoni inveritiera tas-soċjetà attriċi jidher li kkonduċiet lill-Ewwel Qorti fl-impressjoni, fattwalment żbaljata, li kienet saret notifika bl-affissjoni fl-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà konvenuta. Allegazzjoni li m'għandiex mis-sewwa, ripetuta mis-soċjetà attriċi ukoll quddiem din il-Qorti.

31. Kif rajna, Artikolu 187 (5), Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), jipprovdi mingħajr ebda ekwivoku illi jekk in-notifika bil-mezz ordinarju ta' att ġudizzjarju lil soċjetà ma jkolliex eżitu pożittiv, l-affissjoni ma tistax issir mad-dar residenzjali tal-persuna fiżika li għandha r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà; imma l-affissjoni trid issir mal-uffiċċju reġistrat.

32. Għalkemm l-Ewwel Qorti mmotivat id-deċiżjoni tagħha unikament dwar in-negozjati li s-soċjetà konvenuta allegat fir-rikors tagħha, hu paċifiku li l-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u għalhekk għandha tiġi

osservata *ad unguem* u mhux *per equipollens*. (ara **Frangisku Tonna et. v. Martin Zerafa** - Appell Inferjuri - 23 ta' Jannar, 2004).

33. Fid-dawl tal-konstatazzjonijiet aktar qabel magħmula, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li n-notifika li l-Ewwel Qorti qieset bħala valida, ma kienet valida xejn. Bil-konsegwenza li mingħajr notifika valida ma jistax jitqies li s-soċjetà konvenuta kienet kontumaċi. (ara **Emanuel Stivala v. Carlo Vella et.** - Appell Superjuri - 22 ta' Novembru, 1989; **Jesmond Sacco v. Charles Concetta** - Appell Inferjuri - 7 ta' Mejju, 2004).

34. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, u għal raġunijiet differenti minn dawk li waslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni appellata, tqis illi r-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta m'għandiex tiġi mneħħija mill-atti.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tas-soċjetà attriċi tat-3 ta' Mejju, 2021.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Tordna li l-atti jiġu mibgħuta lura lill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, sabiex tissokta bis-smigħ ta' din il-kawża.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da